# 49. Il-Għabex

Mulej,
ma nafx
jekk int għandekx iż-żmien
li tara dan il-għabex.

Naf l'int imħabbat ħafna
biex tgħaqqad kwiekeb ġodda
ħa tkabbar l-univers,
barra mix-xogħol
li għandek sabiex tmexxi
il-kwiekeb li ġa għandek.

Għalhekk ma nafx
jekk int għandekx iż-żmien
li tara dan il-għabex.

Naħseb l'inti ħallejt f'idejn is-sema
li kull fl-għaxija
ipitter dak li jrid,
bil-kundizzjoni
illi kull darba
jagħmel pittura ġdida,
b'suriet ta' sħabiet ġodda
u sfumaturi ġodda.

Mulej,
lili poeta,
int tajt raġġ żgħir
mix-xemx ta' moħħok,
u qatra żgħira
mill-oċejan ta' qalbek,
sabiex minn flokok
il-lejla
jien nara dan il-għabex.
X'kapulavur, Mulejja!
kemm hu artist is-sema.
Minnu jien ħadt
il-ġibda l'għandi fija
lejn l-ilwien sbieħ,

minnu dil-ħeġġa
li noħloq ta' kull lejla
kwadru ta' ġmiel.

Oqgħod, Mulej, bi kwietek
oħloq il-kwiekeb ġodda;
għax m'għandekx żmien
il-għabex kull fl-għaxija
narah minn flokok jien!

14/11/71